MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2013

Numru. 463/2013

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kylie Borg)**
**(Spettur Godwin Scerri)**
**Vs**
**Rittmar Hatherly**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' Rittmar Hatherly ta' hamsa u ghoxrin (25) sena, bin James u Carmen neè Farrugia, imwieled Pietà fit-23 ta' Lulju 1987, prezentement detenut fil-Facilità Korettiva ta' Kordin u bl-ahhar indirizz maghruf 37, Flat 6, Triq il-Kapuccini, Floriana, detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 363987(M), talli b'diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Belt Valletta u l-Furjana:

(i) Nhar it-8 ta' Lulju 2012, mill-Furjana, ikkommetta serq ta' GPS tad-ditta Garmin ta' valur ta' seba’ mitt Euro (€700) u stereo ta' ditta mhux maghrufa minn gewwa vettura GBL 795, ghad-dannu ta' Johan Van der Linden, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;
(ii) Nhar il-5 ta' Marzu 2013 ikkommetta serq ta' *cash* li jammonta ghal sitt mitt Euro (€600) minn gewwa l-iskola School of Music sitwata fi Triq it-Tramuntana fil-Belt Valletta, ghad-dannu ta' Anne Marie Chetcuti, liema serq hu aggravat bil-valur;
(iii) Nhar it-18 ta' Marzu 2013 ikkommetta serq ta’ stereo tad-ditta JVC komplut bl-ispeakers ta' valur ta' mitjen Euro (€200) minn gewwa vettura GAL 663 ghad-dannu ta' Mary Rose Dalli, liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haqa misruqa; u talli
(iv) Irrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini ta’ l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha ta’ dan il-kaz u b’mod partikolari l-fedina penali ta’ l-imputat markata Dok. “KB3”, l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-5 ta’ Mejju 2013 markata Dok. “KB5” u s-sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Rittmar Heatherly” pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fit-13 ta’ April 2011 markata Dok. “KB6”;

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (Dok. “KB1”) sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja u rat li l-imputat ma ghandu l-ebda oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghat lill-imputat jammetti ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u dana minkejja l-fatt li l-Qorti, a tenur ta’ l-Artikolu 453(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, avzat bl-iktar mod solenni lill-imputat bil-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu w ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga’ jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga’ lura minnha;

Semghet ix-xhieda ta’ Carmen Borg, Manager il-Habs, moghtija waqt is-seduta tat-3 ta’ Gunju 2013;

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena;

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz odjern l-imputat qed jigi akkuzat talli b’diversi atti, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzoni tal-Ligi u liema atti gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, gewwa l-Belt Valletta u l-Furjana: (1) nhar it-8 ta' Lulju 2012, mill-Furjana, ikkommetta serq ta' GPS tad-ditta Garmin ta' valur ta' seba’ mitt Euro (€700) u stereo ta' ditta mhux maghrufa minn gewwa vettura GBL 795, ghad-dannu ta' Johan Van der Linden, liema serq huwa aggravat bil-valur, bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa; (2) nhar il-5 ta' Marzu 2013 ikkommetta serq ta' *cash* li jammonta ghal sitt mitt Euro (€600) minn gewwa l-iskola School of Music sitwata fi Triq it-Tramuntana fil-Belt Valletta, ghad-dannu ta' Anne Marie Chetcuti, liema serq hu aggravat bil-valur; (3) nhar it-18 ta' Marzu 2013 ikkommetta serq ta’ stereo tad-ditta JVC komplut bl-ispeakers ta' valur ta' mitjen Euro (€200) minn gewwa vettura GAL 663 ghad-dannu ta' Mary Rose Dalli, liema serq hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haqa misruqa; u talli (4) irrenda ruhu recediv b’diversi sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mhassra ai termini ta’ l-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-imputat ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u fid-dawl ta’ tali ammissjoni u anke fid-dawl ta’ dak li jirrizulta mill-istqarrija rilaxxjata mill-imputat fil-5 ta’ Mejju 2013, esebita bhala Dok. “KB5”, u mis-sentenza fl-ismijiet “Il-Pulizija v. Rittmar Heatherly” pronuncjata mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fit-13 ta’ April 2011, esebita bhala Dok. “KB6”, il-Qorti effettivament issib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha dedotti fil-konfront tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena kemm il-Prosekuzzjoni kif ukoll id-Difiza jitolbu li fic-cirkostanzi ta’ dan il-kaz il-Qorti timponi

piena, li entrambe jaqblu li ghandha tkun wahda ta' habs effettiv fid-dawl tar-reat imwettqa u tal-fatt li l-imputat irrenda ruhu recidiv, fil-*minimum* taghha. Waqt it-trattazzjoni orali dwar il-piena u l-possibilità li l-istess tinghata fil-*minimum* taghha l-imputat sahaq li huwa wasal biex jidhol fi programm ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li t-terminu tal-piena jista' jimpingi b'mod negattiv fuq din il-possibilità. Din it-talba però ma tistax tigi milqugha ghas-segwenti ragunijiet:

(1) Fl-ewwel lok l-Artikolu 278(2) u (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta espressament jipprovdi li *jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-'mezz', ikun akkumpanjat ukoll b'wahda mill-kwalifiki l-ohra, izda mhux dik tal-'vjolenza', il-piena fuq imsemmija* [minn hames xhur sa' tlett snin] *ma tinghatax fil-minimum taghha*[1]*. Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-'mezz', ikun akkumpanjat ukoll bi tnejn jew izjed mill-kwalifiki l-ohra izda mhux b'dik tal-'vjolenza', il-piena fuq imsemmija* [minn hames xhur sa' tlett snin] *tizdied bi grad u ma tinghatax fil-minimum taghha*[2];

(2) Fi kwalunkwe kaz, ma jirrizultax ragunijiet validi li ghandhom jew jistghu iwasslu lil Qorti biex tiddipartixxi minn dak provdut fl-imsemmi Artikolu tal-Ligi. In fatti mix-xhieda ta' Carmen Borg, Manager mal-Habs, moghtija waqt is-seduta tat-3 ta' Gunju 2013, irrizulta li ghalkemm it-terminu ta' prigunerija impost fuq persuna jista' jimpingi fuq **meta** tali persuna jista' jibda jsegwi tali programm ghar-rijatbilitazzjoni mill-vizzju tad-droga, in kwantu rigwarda l-imputat huwa s'issa semplicement **applika** biex jsegwi tali programm u t-talba tieghu **ghad trid tigi evalwata** u **hemm diversi fatturi ohra, ferm iktar rilevanti mit-terminu tal-prigunerija impost fuqu, li jridu jittiehdu in konsiderazzjoni ghall-fini ta' l-elegibilità tieghu biex isegwi tali programm**.

Madanakollu però ghall-finijiet tal-piena li ghandha tigi imposta fuq l-impuat ghar-reati minnu mwettqa w ammessi, il-Qorti qed tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri kif ukoll il-fatt li fl-istqarrija tieghu tal-5 ta' Mejju 2013 l-

[1] Sottolinear tal-Qorti.
[2] Sottolinear tal-Qorti.

imputat iddikjara li jrid jirriforma ruhu u lest li jhallas lura lill-vittmi l-valur ta' l-oggetti misruqa. Fid-dawl ta' dawn il-fatti l-Qorti tqis li fil-kaz in ezami jissussistu ragunijiet sufficjenti sabiex ma tapplikax iz-zidiet kontemplati fl-Artikoli 50 u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, liema zidiet jinghataw fid-diskrezzjoni assoluta tal-Qorti.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 49, 50, 261, 263(a), 267, 271(g) u 289 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li ttenni li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu, ai termini ta' l-Artikoli 20, 31, 278(2), 278(3) u 279(a) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghall-perijodu ta' sbatax-il (17) xahar prigunerija.

Ai termini ta' l-Artikolu 532A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tordna li fi zmien sitt (6) xhur minn meta jiskonta l-piena imposta fuqu b'din is-sentenza l-imputat ihallas is-segwenti ammonti lill-vittmi f'dawn il-proceduri: is-somma ta' €700 lill-vittma Johan Van der Linden rapprezentanti l-valur tal-GPS tad-ditta Garmin misruq mill-vettura bin-Nurmu ta' Registrazzjoni GBL-795, is-somma ta' €600 lill-vittma Anne Marie Chetcuti rapprezentanti l-cash misruq mill-iskola School of Music fi Triq it-Tramuntana, il-Belt Valletta, u s-somma ta' €200 lill-vittma Mary Rose Dalli rapprezentanti l-valur ta' l-istereo tad-ditta JVC komplut bl-ispeakers misruqa minn gewwa l-vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni GAL-663.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------